MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2001

Avvi$Z Numru. 635/2001/1

**Avviz Nru:- 635/01**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Jean Pierre Mizzi u martu
Michele Mizzi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ hames mija u sitta u erbghin liri Maltin (Lm546) rapprezentanti import ta’ sebgha kambjali, wahda ta’ tmienja u erbghin liri Maltin (Lm48) bilanc u l-ohrajn ta’ tlieta u tmenin liri Maltin (Lm83) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Dicembru 2000 sa Gunju 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri 1 sa 7 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-14 ta' Gunju 2001 jammontaw ghal hdax-il lira Maltin (Lm11), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-kambjalijiet originali annessi mal-avvizi.

Rat illi l-konvenuti gew debitament notifikati.

Rat illi l-atturi permezz ta' nota prezentata fl-udjenza irriducew is-sorte ghas-somma ta' mija u sitta u erbghin lira Maltin u hamsin centezmi (Lm146.50) bl-imghax legali mit-8 ta' Novembru tas-sena 2001.

Rat ukoll in-nota t'ammissjoni prezentata mill-konvenuti fl-udjenza illum stess u ghaldaqstant fuq ammissjoni issib illi t-talba attrici hija gustifikata u ghandha tigi kkonfermata u ghaldaqstant qieghedha tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi il-bilanc ta' mija u sitta u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm146.50).

Bl-imghax legali b'effett mit-8 ta' Novembru tas-sena 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------